MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 70/1997/1

Salvu Cassar

vs

Edmund Cachia

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tlett mija u ħamsin lira maltin (LM350) preza ta' makna Bedford 500 lilu mibjugħa u kkonsenjata.

Bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta'l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan għaliex il-makna li għaliha qiegħed jirreferi l-attur ma kienitx tal-kwalita' miftehma.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attur qed titlob mingħand il-konvenut il-ħlas ta' magna għal dgħajsa mibjugħa u kkonsenjata lilu. Il-konvenut qed jirrifjuta li jħallas għax jikkontendi illi din il-magna ma kienitx tal-kwalita’ pattwita.

Irriżulta illi l-konvenut, li kellu bżonn jibdel il-magna li kellu fuq id-dgħajsa tas-sajd tiegħu, avviċina lill-attur, bħala bniedem li kien jaf li jissuplixxi magni wżati ta' kwalita' tajba, biex jixtri magna *second hand*. Wara li l-attur assikurah li kellu waħda adattata għalieh, il-konvenut xtraha u minnufih mar jinstallaha fuq id-dgħajsa tiegħu. Ġara' pero' illi proprju ma' l-ewwel vjaġġ li kellu jagħmel permezz ta' din il-magna, hekk kif waqaf Malta biex jiġbor xi sajjieda li kellhom imorru miegħu, din il-magna ġarrbet xi ħsara, bil-konsegwenza li ma setgħax isir iżjed użu minnha. Infatti l-konvenut ressaq bħala xhud lill-*mechanic* li reġa' bidilielu ma' oħra tajba.

L-attur jikkontendi illi l-konvenut qatt ma semmielu xejn rigward din l-allegata ħsara qabel ma mar hu stess jitolbu l-ħlas. Minn naħa l-oħra l-konvenut isostni illi huwa informa b'dan lill-attur hekk kif induna li l-magna ma kienitx tajba għall-użu li ried jagħmel minnha.

L-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili tagħna li jirregola l-bejgħ ta’ oġġett mhux skond il-kwalita’ miftehma jew bħall-kampjun jistabilixxi illi:

**“Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita’ mwiegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista’ jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta’ periti.”**

Il-**Baudry Lacantinerie** jiddiskuti d-diffikulta' għax-xerrej li jinduna li l-oġġett mixtri ma kienx tal-kwalita miftehma bil-mod segwenti:

"*Allorche' la merce consegnata dal venditore non riunisce le qualita' promesse o quando non e' conforme al campione, il compratore e' forse in obbligo di rifiutarla al momento stesso,in cui gli e' consegnata? Ha egli per farlo un temine limitato? La legge non prescrive alcun termine. Senza dubbio il compratore deve rifiutare la mercanzia con molta sollecitudine perche' il suo silenzio non possa essere considerato come un'accetttazione della mercanzia, nonostante i suoi diffetti; ma gli occorre il tempo necessario per farne la verifica. Egli puo' di regola, rifiutare la mercanzia difettosa* ***finche' non l'abbia accettata espressamente o tacitamente***."[1]

Huwa minnu illi l-konvenut, għalkemm kien ġie assikurat mill-attur li kien qed jixtri magna li kienet għadha tajba għall-użu ntenzjonat, huwa ried neċessarjament juża l-istess magna, biex ikun jaf jekk tassew kienitx hekk. Madankollu, minkejja li nstallaha fuq id-dgħajsa tiegħu u ma ħariġx sodisfatt biha, ma għamel xejn biex juri lill-attur li ma kienx ser jaċċettaha u li ried jikkanċella l-bejgħ. Kif ġie ritenut mill-qrati tagħna:

"*Jekk kien hemm xi malafede da parti tas-socjeta' attriċi dana ġie sanat bl-istess aġir tas-soċjeta' kjamata fi-kawża meta deċidiet illi żżomm il-merkanzija għandha. Il-Qorti tagħmel referenza għal deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell minn kawża inferjuri fl-ismijiet: Attard Brothers vs Direttur ta' l-Edukazzjoni" mogħtija fl-4 ta' Novembru 1992 fejn intqal ċar u tond illi* ***x-xerrej illi żamm il-merkanzija mixtrija meta kien jaf li kienet affetta minn xi difett ma setgħax jirrifjuta l-ħlas.*** *A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza miġbura f'din l-aħħar sentenza.*

*Fuq l-iskorta ta' dan it-tagħlim, din il-Qorti tikkonkludi illi minkejja li s-soċjeta' kjamata fil-kawża kienet f'pożizzjoni li*

[1] op.cit. para. 312 pag. 324 .

*tinduna illi l-merkanzija mibgħuta kienet skaduta ma tistax issa topponi t-talba għall-ħlas darba ddeċidiet li żżomm il-merkanzija u ma tikkawtelax id-drittijiet tagħha skond il-liġi, dan billi tiddepożita formalment il-merkanzija taħt l-awtorita' tal-Qorti u tistitwixxi azzjoni għar-rizoluzzjoni tal-bejgħ fit-termini illi tgħid il-liġi."* [2]

Dan huwa proprju dak li ġara wkoll fi-każ in eżami. Il-konvenut, għalkemm seta' anke jieħu *mechanic* miegħu biex jeżamina l-magna in kwistjoni, qabel ma ddeċieda jekk jixtrihiex jew le, kellu mbagħad l-opportunita' li jipprovaha wara li nstallaha fuq id-dgħajsa tiegħu. Infatti nduna li ma kienitx tajba meta ġarrbet il-ħsara proprju fil-bidu ta' l-ewwel vjaġġ li ttenta jagħmel biha. Madankollu, għalkemm igħid illi huwa għarraf b'dan lill-attur, ma għamel xejn iżjed biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, kif indikat f'din il-ġurisprudenza. Anzi kif jammetti hu stess, il-magna, għalkemm qalagħha minn fuq id-dgħajsa, baqgħet fil-garage tiegħu, minflok ma rritornaha lill-attur jew ta' l'inqas iddepożitaha l-Qorti. Għaldaqstant u in vista ta' din il-ġurisprudenza, l-konvenut ma jibqagħlu ebda difiża biex jirrifjuta l-ħlas.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attiċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur s-somma ndikata ta' tliet mija u ħamsin lira maltija (Lm350), pari llum għal tmien mija u ħmistax il-ewro u ħamsin ċenteżmu (Eur. 815.50) rappresentanti prezz ta' magna mibjugħa u kkonsenjata lilu.

Bl-ispjejjeż kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Qorti ta' Ghawdex, Superjuri Civili : G. D. Trading Company Limited vs Mario Grech et.: 14.3.2000 .